



Brussell, 7 ta' Marzu 2025  
(OR. en)

6760/25

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2024/0276(CNS)**

---

---

**ECOFIN 236  
FISC 45**

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Suġġett:	Direttiva dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (DAC9) - Qbil politiku

---

**I. INTRODUZZJONI**

1. Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi fuq skala kbira fl-Unjoni<sup>1</sup> (id-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru) tirrifletti b'mod ġenerali, b'ċerti adattamenti meħtieġa mil-liġi tal-UE, ir-regoli mudell, maqbula fil-Qafas Inklużiv tal-G20/OECD dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti ("BEPS"), dwar riforma tar-regoli internazzjonali dwar it-tassazzjoni tal-profitti tal-akbar intrapriżi multinazzjonali.

---

<sup>1</sup> ĠU L 328, 22.12.2022, p. 1–58 ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2523/oj>.

2. It-tassazzjoni minima effettiva, li tikkostitwixxi t-"Tieni Pilastru", hija bbażata fuq żewġ regoli ewlenin (imsejħa r-regoli "GloBE") – ir-regola ta' inklużjoni tal-introjtu (IIR) u r-regola dwar il-profitti sottotaxxati (UTPR) – li huma maħsuba biex jiżguraw li l-profitti magħmula minn gruppi multinazzjonali b'fatturat ta' mill-inqas EUR 750 miljun jiġu ntaxxati b'rata effettiva ta' mill-inqas 15 %. Id-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru hija mfassla biex tiżgura li gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali (gruppi MNE) kbar iħallsu livell minimu ta' taxxa fuq l-introjtu li jirriżulta f'kull ġurisdizzjoni fejn joperaw. L-entitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli jridu jikkalkulaw ir-rata tat-taxxa effettiva tagħhom għal kull ġurisdizzjoni fejn joperaw u jħallsu taxxa kumplimentari għad-differenza bejn ir-rata tat-taxxa effettiva tagħhom għal kull ġurisdizzjoni u r-rata minima tat-taxxa ta' 15 %. L-Artikolu 44 tad-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru jistabbilixxi obbligu li tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari (TTIR). It-TTIR għandha tiġi ppreżentata bl-użu ta' mudell standardizzat.
3. Sabiex din is-sistema taħdem b'mod effettiv, huwa meħtieġ ukoll li jiġi żgurat li l-awtoritajiet tat-taxxa jirċievu u awtomatikament jagħmlu skambju ta' informazzjoni rilevanti dwar it-taxxa. Għal dawn l-iskopijiet, il-Qafas Inklużiv tal-G20/OECD dwar il-BEPS żviluppa mudell standard (Dikjarazzjoni tal-Infommazzjoni dwar il-GloBE jew GIR) li l-entitajiet dikjaranti ta' gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali kbar għandhom ikunu meħtieġa jużaw biex jissodisfaw l-obbligi ta' preżentazzjoni tagħhom. Għaldaqstant, l-istess bħar-regoli tat-Tieni Pilastru, il-GIR għandha tiġi trasposta fil-liġi tal-UE, biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri.

4. F'dan il-kuntest, fit-28 ta' Ottubru 2024 il-Kummissjoni Ewropea ħarġet proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni ("DAC9")<sup>2</sup>.
5. L-objettiv ewlieni ta' din il-proposta leġiżlattiva huwa li jibdeu joperaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru (b'mod partikolari l-Artikolu 44), li tipprevedi li l-ewwel rapportar dwar l-informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari minn gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi fuq skala kbira jeħtieġ li jsir sat-30 ta' Ġunju 2026. Dan l-objettiv ser jintlaħaq billi:
  - a) tiġi stipulata l-formola standard tat-TTIR li l-entitajiet dikjaranti tal-gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali kbar (li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tat-Tieni Pilastru) jintalbu jissottomettu, u
  - b) id-Direttiva 2011/16/UE tiġi ssupplimentata b'dispożizzjonijiet li jistabbilixxu qafas biex jiġi ffaċilitat l-iskambju tat-TTIR bejn l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri.
6. Id-DAC9, ladarba tiġi adottata mill-Kunsill, ikollha tiġi trasposta pjuttost malajr fid-dritt nazzjonali mill-Istati Membri kollha, biex jiġu evitati lakuni fir-rapportar dwar it-taxxa. Għalhekk, l-iskeda ta' żmien għat-tlestija ta' dawn in-negozjati għadha stretta.
7. L-opinjoni tal-Parlament Ewropew dwar din il-proposta leġiżlattiva ġiet adottata fit-12 ta' Frar 2025.<sup>3</sup> L-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ġiet adottata fis-26 ta' Frar 2025.

---

<sup>2</sup> Dok. ST 15004/24 + ADD1.

<sup>3</sup> P10\_TA(2025)0013 (ara wkoll id-dok. ST 5822/25).

## II. SITWAZZJONI ATTWALI

8. Il-Presidenza Pollakka tat prijorità lill-ħidma fuq dan il-fajl u stiednet lill-Istati Membri jikkonkludu l-ħidma preparatorja meħtieġa fil-ħin għal-laqgħa tal-Kunsill ECOFIN f'Marzu 2025. Matul il-mandat tal-Presidenza Pollakka, saru erba' laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (WPTQ) (fid-9 u l-24 ta' Jannar, is-17 ta' Frar, u laqgħa tad-WPTQ (Livell Għoli) fis-26 ta' Frar 2025).
9. Fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) tal-4 ta' Marzu 2025, id-delegazzjonijiet kollha setgħu jappoġġaw it-test ta' kompromess tal-abbozz ta' Direttiva, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-metodu li għandu jintuża għall-aġġornament tal-formola standard tat-TTIR (Taqsimi IV tal-Anness VII tad-Direttiva 2011/16/UE ("DAC")) biex jiġi żgurat li tibqa' allinjata mal-aġġornamenti potenzjali tad-Dikjarazzjoni tal-Informazzjoni dwar il-GloBE (GIR) standardizzata maqbula mill-Qafas Inklużiv tal-G20/OECD dwar il-BEPS.
10. Biex tindirizza dan it-tħassib li fadal, wara kuntatti bilaterali, il-Presidenza għamlet għadd ta' aġġustamenti ulterjuri għall-abbozz ta' Direttiva biex jitneħħa l-għoti tas-setgħa għal atti delegati (it-tħassir tal-premessa 18, it-tħassir tal-Artikolu 1(8), li kien fih emendi għall-Artikolu 21 tad-DAC, u t-tħassir tal-Artikolu 1(11) u 1(12), li kien fihom it-testi proposti tal-Artikoli 26a u 26b tad-DAC). Il-konsegwenza ta' dawn l-emendi għat-test ta' kompromess hija li l-forma standard tat-TTIR tiġi emendata permezz ta' Direttiva tal-Kunsill (skont il-proċedura leġislattiva speċjali). L-aħħar test ta' kompromess tal-Presidenza, li jirrifletti dawn l-emendi, jinsab fid-dokument ST 6845/25.
11. Il-Presidenza hija tal-fehma li dan it-test ta' kompromess issa għandu jilħaq il-bilanċ it-tajjeb u li d-delegazzjonijiet kollha jneħħu r-riżervi li baqa'.

12. Barra minn hekk, filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza li jiġi kkonfermat l-impenn tal-Istati Membri kollha li l-forma standard tat-TTIR għandha tibqa' konformi mal-mudell standard tal-GIR żviluppat mill-Qafas Inklużiv tal-G20/OECD dwar il-BEPS, u li, għal dawn il-finijiet, tkun meħtieġa azzjoni leġiżlattiva rapida, il-Presidenza tissuġġerixxi li l-Kunsill jaqbel dwar id-dikjarazzjoni li tinsab fl-Anness ta' din in-nota. Huwa mistenni li l-Kummissjoni Ewropea tagħmel dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill ukoll.

### **III. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM**

13. F'dan il-kuntest, il-Kunsill huwa mistieden:
- a) jilħaq qbil politiku dwar it-test tal-abbozz ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (DAC9), kif jinsab fid-dokument ST 6845/25, bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva, soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti;
  - b) jaqbel dwar id-dikjarazzjoni tal-Kunsill, li tinsab fl-Anness ta' din in-nota, li għandha tiddaħħal fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

**DIKJARAZZJONI TAL-KUNSILL**

"Il-Kunsill jesprimi l-importanza ta' allinjament bejn il-mudell standard għad-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari (TTIR) u l-mudell standard żviluppat mill-qafas inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS.

Sabiex jiġi żgurat l-impenn li dawk il-mudelli standard jibqgħu kontinwament konformi, il-Kummissjoni Ewropea mistiedna tippreżenta proposta leġiżlattiva xierqa biex temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE, b'mod rapidu, ladarba l-mudell tal-OECD jiġi aġġornat u l-Kunsill jimpenja ruħu li jaġixxi malajr kemm jista' jkun biex jippermetti dan l-allinjament."

---